

— F'dan ir-rigward, l-appellant isostni li l-kwistjoni tal-perċentwali ta' promozzjoni applikabbi taffettwa l-mertu tat-tilwima. Ĝhaldaqstant ma kellhiex tiġi trattata fl-ambitu tal-eżami tal-ammissibbiltà.

7. Is-seba' aggravju bbażat fuq applikazzjoni żbaljata tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

— Fl-aħħar nett, l-appellant isostni li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku applika b'mod żabaljat, u mhux b'mod konformi mal-ġurisprudenza stabbilita, il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, sa fejn ma rrikonoxxiekk li tali prinċipju jinkiser meta l-istituzzjonijiet imorru lil hinn mill-marġni ta' diskrezzjoni tagħhom u jadottaw miżuri, b'distinżjonijiet arbitrarji, li jmorru kontra d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal.

### **Rikors ippreżentat fil-25 ta' Novembru 2015 – HTTS vs Il-Kunsill**

(**Kawża T-692/15**)

(2016/C 059/30)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

#### **Partijiet**

**Rikorrenti:** HTTS Hanseatic Trade Trust & Shipping GmbH (Hamburg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: M. Schlingmann u M. Bever, avukati)

**Konvenut:** Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

#### **Talbiet**

Ir-riktorrenti titlob lill-Qorti Ġenerali jogħġogħa:

- tikkundanna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tħallasha kumpens li jammonta għal EUR 2 516 221,50 bħala riparazzjoni għad-danni materjali u morali kkawżati mill-inklużjoni tagħha fil-lista tal-persuni, entitajiet u organi li jidhru fl-Anness V tar-Regolament Nru 423/2007 u fl-Anness VIII tar-Regolament Nru 961/2010;
- tikkundanna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ħlas ta' interassi moratorji bir-rata ta' interassi applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għat-tranżazzjonijiet prinċipali ta' rifinanzjament, u dan, mis-17 ta' Ottubru 2015 sal-ħlas sħiħ tas-somma hawn fuq indikata;
- tikkundanna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż, u b'mod partikolari għall-ispejjeż sostnuti mir-riktorrenti.

#### **Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-riktors tagħha, ir-riktorrenti tinvoka motiv wieħed ibbażat fuq ksur mill-Kunsill – li inkludiha bi żball fil-lista ta' persuni, entitajiet u organi li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha ġew iffriżati – tad-dispożizzjonijiet ġuridiċi li jfittxu li jipproteġu interassi individwali u ma jħalli l-ebda marġni ta' interpretazzjoni.

Ir-riktorrenti sofriet, skond hija, danni materjali u morali li huma l-konsegwenza diretta tal-miżuri restrittivi adottati bi żball fil-konfront tagħha mill-Kunsill.

### **Appell ippreżentat fit-2 ta' Diċembru 2015 minn Juha Tapio Silvan mis-sentenza mogħtija fit-22 ta' Settembru 2015 mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-Kawża F-83/14, Silvan vs Il-Kummissjoni**

(**Kawża T-698/15 P**)

(2016/C 059/31)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

#### **Partijiet**

**Appellant:** Juha Tapio Silvan (Brussels, il-Belġju) (rappreżentanti: N. de Montigny u J. N. Louis, avukati)